SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**

**Laqgħa Nru. 61/K9/23**

Data tal-laqgħa: 14 ta' Novembru 2023

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Clayton Luke Mula – Viċi-Sindku
Martin Sultana – Kunsillier
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (3))**

**Assenti:** (3) Victor Vella – Kunsillier
Sean Gauci - Kunsiller
John Agius – Kunsillier

**Uffiċjali Preżenti**

Malcolm Agius – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Assistant Principal

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba

**61.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

61.1.01 Il-Kunsilliera Victor Vella, John Agius u Sean Gauci talbu li jigu skużati għal-din il-laqgħa. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**61.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

61.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 60/K9/23.

61.2.02 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti.

61.2.03 Il-Kunsillier Rita Dimech Portelli ipproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 60/K9/23.

61.2.04 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri ssekondata fl-approvazzjoni tagħhom.

61.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**61.3 Kommunizzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

61.3.01 Ġnien Spinola – illum saret laqgħa mal-Urban Development Funds dwar il-fondi li ser jingħataw lill-Founddation for Tourism Zone Development fejn ser ikunu qed jingħataw l-miljun ewro. Huma għandhom jippreżentaw il-pjanti kif mitlub. Ser tintalab laqgħa mat-Transport Malta, Infrastructure Malta u FTZD sabiex issir laqgħa dwar kif jista jibda l-proġett fir-rigward traffic management.

61.3.02 Fondi għall-proġett Pawlu Xuereb – ingħatat il-lista u ġiet aċċetata. Ser ikun qed isir draft agreement.

61.3.03 Iltaqa' ma Transport Malta dwar Triq Sant' Anġlu dwar proposti li saru ħabba traffic management fl-area.

61.3.04 L-escooters ser ikunu qed jiqfu minn Marzu 2024. L-scooters privat jista' jibqaw jintużaw. Ser tintbagħat ittra lit-TM biex il-parking bays li kienu ser isiru għal e-scooters dawn isiru sabiex jintużaw minn dawk privati u nissuġġerixxu li tiġi infurzata aktar il-liġi minħabba li kif ukoll r-regolamenti jigu obduti.

61.3.05 Dwar residential parking, konna bagħnilhom l-ittra dwar il-postijiet li ssuġerejna. Nissuġerixxu wkoll li jsir timed parking fi Triq Lapsi kif ukoll quddiem il-Kulleġġ ta' l-Għarab.

61.3.06 Dwar l-lifelong learning ser tkun qed tinkiteb ittra lilhom sabiex hemm persuni li huma volontarjat li huma kwalifikati. Għaldaqstant, ser nissuġerrixu li dawn isiru b'dawn il-persuni.

61.3.07 Tintbgħat email lill-Perit Gabriela Curmi sabiex meta jkunu qed isiru it-truf ta' Triq Albert Mayr, qegħdin nissuġerixxu li ssir ma tiżloqx.

61.3.08 Telgħet Birkirkara – il-flus dwar dan il-proġett irċivejnihom Il-kuntrattur qiegħed jitkellem ma' Infrastructure Malta sabiex jitkomplew il-bankini ukoll mat-tarmac li baqa'.

61.3.09 Bdiet taħdem impjegata ġdida mal-Kunsill.

61.3.10 Irċivejna l-lista tal-condominum managers ġewwa l-lokalita'. Huwa spjega li bħalissa l-proċedura hija twila u ser jkun qed jipprova jara li jkun jista jikkuntatjom l-Kunsill.

61.3.11 Iċ-Ċermen iltqajna ma' Matthew Gauci tal-IMU sabiex jingħataw postijiet ta' interess. Ha nkunu qed nieħdu r-ritratti.

61.3.12 Iċ-Ċermen gibed l-attenzjoni fir-rigward email li l-Kunsill ircieva dwar in-nomenklatura ta Triq Edward Debono; Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni u qiegħed jaqbel ma' din il-proposta.

61.3.13 Il-Kunsill gie nfurmat li wahda mill-impjegata talbet sabiex terga tibda tahdem full time inkluz li tahdem bit-telework. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni u jaqbel ma' din il-proposta.

61.3.14 Ingibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li ntalbet l-ghajnuna sbiex issir harga ill-Grupp Hbiberija. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

61.3.15 Tresqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill talba sabiex jinħargu mwejjed u siggijiet ġewwa t-taraġ ta' Paceville. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni l-importanti li jsir l-permess meħtieġ.

61.3.16 Ittra b'talba mis-Soċjeta' Mużikali Spinola, dwar għajnuna b'kollaborazzjoni. Jekk ma tajniex diġa dan l-ammont jintgħataw.

61.3.17 Ser tkun qed issir ħarġa għal għawdex. Il-Kunsilliera Patricia Camilleri ser tkun qed tikkordina mal-impjegata tal-Kunsill.

## 61.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

61.4.01 Il-Kunsillier Martin John Sultana, staqsa dwar bozza maqtugħa f'Xatt ta' Spinola (ser ikun qiegħed jibgħat ir-ritratti) u 2 bozzoz waħda ġo Triq Claire E Engel u l-oħra ġo Triq Mikielanġelo

Caġiano. Ser ikun qiegħed jibgħat ir-ritratti. Dwar Triq Charles Sciberras qed ikun hemm problema li meta joħorġu l-organic mhux qed tinġabar minn meta infetħet it-triq. Tintbagħat ittra lir-Reġjun. Tintbagħat ittra lill-Perit dwar Ġnien San Mark sabiex jitkompla l-proġett.

61.4.02 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri staqsiet dwar tappiera ġewwa Triq Lapsi, hija ġiet infurmata li din ġiet irranġata.

61.4.03 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul staqsa dwar il-pagamenti lill-kuntrattur tat-toroq. Huwa ġie nfurmat li s'issa għandu pagament pendenti minħabba li hemm xi xogħolijiet li għadu m'għamilhomx. Irċieva lment dwar Triq Birkirkara, hemm xi tappiera tħabbat u bankina imkissra.

61.4.04 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli, staqsiet dwar il-vann li qed jipparkja quddiem il-Knisja tal-Balluta. Niktbu ittra lill-Pulizija sabiex tittieħed l-azzjoni neċċessarja. Tintbagħat ittra lill-ħwienet li hemm ġewwa l-Balluta sabiex ma jħallux l-iskart barra u min għandu xi skips barra jneħħihom u jsiru sigaret bins ma' kull ħanut u jkunu mbatlin kuljum.

61.4.05 Iċ-Ċermen irringanzja lill-Kunsilliera Rita Dimech Portelli li tat l-injections kif ukoll li qed toffri li baqgħalna xi injections.

61.4.06 Ser issir laqgħa sabiex jiġu diskussi xi affarijiet pendenti li hemm. Din ser issir nhar it-Tnejn 27 ta' Novembru 2023 fit-8.00p.m.

**61.5 Attivitajiet għal żmien il-Milied**

61.5.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li ser jiġu organizzati żewġ attivitijiet għal żmien il-Milied, Coffee Morning u ġurnata Ghawdex. L-ikla tal-Milied ser issir nhar il-Ġimgħa 5 ta' Jannar 2024 fit-8.00p.m. Post għad irid jiġi

**61.6 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

61.6.01 Il-Kunsill ġie pprezentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 6053 sa 6061. (Ara Appendiċi 'A')

61.6.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**61.7 Skeda tal-Pagamenti**

61.7.01 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi ‘B‘)

61.7.02 Il-Kunsillier Patricia Camilleri ipproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

61.7.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu fl-approvazzjoni.

**61.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

61.8.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa nhar it-Tnejn11 ta’ Diċembru 2023 fil-laqgħa 5.00p.m.

61.8.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.30p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Malcolm Agius**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Data: 12 ta’ Diċembru 2023**